MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Dicembru, 2012

Numru 1370/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**Vs**

**Abdullah Mohamad Ali Omar ta' 26 sena, Nazzjonalita Libjana, bin Ali u Maria, mwieled gewwa Gharian il-Libya nhar il-27.04.1986 u residenti Bugibba. Detentur tal-passaport Libyan numru 304570**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

Fid-29 ta' Dicembru, 2012 u dati ta' qabel f'Malta, ghamel uzu jew attenta jaghmel uzu minn Identity Card Spanjola f'isem Salah Salah Ali b'numru 80137464Y, u dan bi ksur tal-Artikolu 4 ta' Kap 61 tal-Ligjiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-isess cirkostanzi f'Malta, tghajt jew gieghel tghati xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta' fatti foloz lill-Ufficjal tal-Immigrazzjoni. U dan bi ksur tal-Artikolu 31(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u lJohnfatt illi kkopera mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------